MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Rikors Numru. 1098/2009

**Mario Tonna u Marcus Tonna, bil-karta' ta' l-identita' numri 428043M u 280468M rispettivament, bhala membri tas-socjeta' Puma Footwear Co. Limited (C3097)**

***kontra***

**Ir-Registratur ta' l-Kumpanniji**

**Il-Qorti –**

**Rat** ir-rikors presentat fil-5 ta' Jannar 2010 skond l-Art.325(4) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta fejn, ghar-ragunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex tordna lir-Registratur ta' l-Kumpanniji jerga' jqieghed l-isem tal-kumpannija Puma Footwear Co. Limited fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.

**Rat** ir-risposta presentata fit-22 ta' Jannar 2010 fejn, fost hwejjeg ohra, ir-Registratur tal-Kumpanniji rrileva li jekk l-isem tal-kumpannija jerga' jiddahhal fuq ir-Registru tal-kumpanniji, l-obbligi u r-responsabilita' tal-kumpannija, ta' kull direttur jew ufficjal iehor u ta' kull membru taghha jergghu jigu attivati daqs li kieku l-isem tal-kumpannija qatt ma kien gie mhassar. Ghalhekk fis-sentenza taghha, din il-Qorti ghandha taghti dawk id-direzzjonijiet u provvedimenti mehtiega sabiex fi zmien improrogabbli illi jigi stabbilit minn dina l-Qorti l-kumpannija tirregolarizza l-posizzjoni taghha mmedjatament fejn jirrigwarda l-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi tibghat ghar-registrazzjoni il-*compliance* mal-istess Kap.386, il-kontijiet annwali u l-prospetti annwali li ghadhom ma ntbaghtux, u billi thallas id-drittijiet annwali u l-penalitajiet kollha dovuti lir-Registratur tal-Kumpannija skond il-ligi. Dan sabiex jigi evitat illi titpogga fuq ir-registru meta mhix in regola mal-ligi.

**Rat** il-verbali tat-tliet udjenzi tal-kawza, partikolarment dak tal-lum fejn ir-Registratur tal-Kumpanniji, permezz tad-difensur tieghu, iddikjara li r-rikorrenti ottemperaw ruhhom bis-shih mar-rikjesti tieghu kif dedotti fl-ahhar paragrafu tar-risposta tieghu a fol.6 tal-process, u ghaldaqstant ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kumpannija in kwistjoni terga' titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.

**Rat** l-Art.325 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghaldaqstant din il-Qorti tipprovdi hekk -**

**1. Tiddikjara li hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija Puma Footwear Co. Limited (C3907) jerga' tidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2. Tordna li l-isem tal-kumpannija Puma Footwear Co. Limited (C3907) jerga' jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji kopja ufficjali ta' dan l-ordni ghar-registrazzjoni.**

**4. Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta' din il-procedura.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------